# MEWT U ĦAJJA

*Ta' PAWLU CACHIA*

Nies imbikkija,
Sewdiena f'libsitha,
F'rokna miġbura:
Xewqana tistenna li joħroġ
Mgħotti t-tebut
B'faldrappa faħmija.

Min jitħaddet kiebi;
Min b'għajnejh ħomor:
Ilkoll qabhom maqsuma
Għar-reżħa tat-tella
Xejn mistennija.

U f'dik il-ħemda,
Hemm tfeġġ karozza tgħammex bi tlellixha . . .
Ittanbar waħda f'waħda
Kollha ħluqija
Biex lill-miġemgħa tofroq
U tħalliha għaddejja ħielsa,
F'waqt dik twarrab siekta,
U fuq ponot subgħajha tittawwal . . .
Iġġebbed għonqha
Sabiex tara x'inhu għaddej;
U x'tilmaħ . . . ?
Tilmaħ tarbija mgeżwra f'xall bajdani
Imdawra b'uċuh hienja . . .
Ħlejqa oħra twieldet . . .

F'salt wieħed, iqum bħal tgeġwiġ ta' riefnu:
"Tassew li d-dinja rota
U aħna l-fusien tagħha:
Min tqabbdu t-trejqa ta' xefaq id-dija,
Min traqqdu magħha fit-trab tax-xjuħija."